TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 27/15/F

**Alison Zammit**

**vs**

**C. Fino & Sons Ltd.**

Illum 14 ta' Lulju, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-18 ta' Frar, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tmien mija, u erbgħa u sittin ewro (€864), rappreżentanti prezz ta' mejda ta' l-injam b'wiċċ tal-ħġieġ ossia *coffee table*, stante li l-ħġieġa hija maħlula u minkejja li ssikkawha bl-*allen keys* dan mhux il-mod ta' kif tiġi msewwija.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *coffee table* għall-prezz ta' tmien mija, u erbgħa u sittin ewro (€864), u qed jallegaw li kien hemm difett għax il-ħġieġa ma kinitx qed tiffitja tajjeb u tiċċaqlaq. Illi minkejja li sewwewha xorta baqgħet bid-difett.

L-intimat issottometta illi l-mejda nxtrat għall-prezz ta' seba' mij,a u tnejn u tletin ewro (€732), u li kienu sewwewha u li ġralha hu minħabba li poġġew xi piż żżejjed fuq il-mejda, u li offrew il-prezz ta' tliet mitt ewro (€300) bħala base ġdid.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi meta xi ħadd jixtri xi prodott għandu jkun prodott tajjeb u li ma jkunx hemm difetti fih. Din il-*coffee table* ma kinitx bi prezz baxx u wieħed jippretendi li meta jħallas daqshekk flus, għandu jkollu prodott mill-aqwa. Illi jirriżulta li hemm xi problema bil-ħġieġa li mhux qed teħel sewwa.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' seba' mitt ewro (€700), u b'dan illi l-*coffee table* tiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**